



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.6.2026
COM(2026) 276 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-applikazzjoni fl-2025 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 rigward l-aċċess
pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

Werrej

1.	Introduzzjoni	2
2.	It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni u dokumenti fir-reġistri u online	3
3.	Analiżi tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti	4
3.1.	L-għadd ta' applikazzjonijiet (Anness – Tabelli 3 u 4).....	4
3.2.	Applikazzjonijiet riċevuti mid-Direttorat Ġenerali jew mis-Servizz (Anness – Tabella 5)	5
4.	Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess	7
4.1.	Livell ta' aċċess mogħti għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabelli 8 u 9)	7
4.2.	Eċċezzjonijiet applikati għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabella 10)	8
5.	Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew.....	8
6.	Ġurisprudenza ġdida dwar l-aċċess għad-dokumenti	9
6.1.	Il-Qorti tal-Ġustizzja	9
6.1.1.	Kjarifiki ta' regoli sostantivi	9
6.2.	Il-Qorti Ġenerali.....	9
6.2.1.	Kjarifiki ta' regoli sostantivi	10
6.2.2.	Kjarifiki tar-regoli proċedurali	11
6.3.	Kawżi ġodda tal-qorti mressqa kontra l-Kummissjoni Ewropea	11

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport annwali huwa abbozzat f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni¹ (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament (KE) Nru 1049/2001”). Dan jispjega kif il-Kummissjoni Ewropea implimentat ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2025, abbażi ta' data statistika² miġbura fil-qosor fl-Anness. Dan ir-rapport jibni wkoll fuq is-sejbiet tal-Ombudsman Ewropew dwar l-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u fuq id-deċiżjonijiet mogħtija mill-qراطي tal-UE.

It-trasparenza, l-integrità u r-responsabbiltà huma l-prerekwiżiti essenzjali għal demokrazija bbażata fuq l-istat tad-dritt. Dawn huma prinċipji ewlenin għall-promozzjoni ta' governanza tajba u għall-bini tal-fiduċja fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u b'hekk isaħħu l-leġittimità u l-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi. B'segwitu għal-Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029 tal-President Ursula von der Leyen³, il-parti ġenerali tal-ittri ta' missjoni lill-Kummissarji⁴ timpenja lill-Kulleġġ sabiex iqiegħed fil-prattika l-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tat-trasparenza fir-relazzjonijiet tiegħu mal-koleġiżlaturi, mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u mal-pubbliku. Is-salvagwardja tad-dritt taċ-ċittadini għal aċċess għad-dokumenti tibqa' parti integrali mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024-2029⁵. L-istatistika fil-Kapitolu 4 dwar id-dokumenti divulgati kompletament jew parzjalment turi l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tippermetti lill-pubbliku jeżerċita d-dritt tiegħu għal aċċess għad-dokumenti, bħala parti mill-politika usa' ta' trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea.

Fil-Kummissjoni Ewropea, l-applikazzjonijiet inizjali għal aċċess għad-dokumenti jiġu ttrattati fuq bażi deċentralizzata minn kull dipartiment tal-Kummissjoni. Fl-2025, kien hemm **6 434 applikazzjoni inizjali**. L-għadd ta' **applikazzjonijiet konfermatorji**, li permezz tagħhom l-applikanti jitolbu rieżami tat-tweġibiet inizjali li jirrifjutaw l-aċċess parzjalment jew kompletament, laħaq is-**697**.

L-applikazzjonijiet konfermatorji jiġu ttrattati ċentralment mill-Unità tal-Ġestjoni tad-Dokumenti u tal-Aċċess għad-Dokumenti tas-Segretarjat Ġenerali, sabiex jiġi żgurat li t-tweġibiet inizjali jiġu rieżaminati b'mod indipendenti. Din l-Unità timmaniġġja wkoll l-EASE⁶, is-sistema tal-IT tal-Kummissjoni Ewropea għat-trattament tal-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

² Il-perċentwali huma arrotondati għall-eqreb pożizzjoni deċimali. L-istatistika tinkludi, fost affarijiet oħra, l-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti u t-tweġibiet mogħtija fl-2025. Iċ-ċifri f'dan ir-rapport u fir-rapporti preċedenti jistgħu jvarjaw xi f'it bħala riżultat ta' kontrolli u korrezzjonijiet regolari.

³ https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt

⁴ https://commission.europa.eu/about/organisation/college-commissioners_mt

⁵ https://commission.europa.eu/priorities-2024-2029/democracy-and-our-values_mt

⁶ Aċċess Elettroniku għad-Dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea; <https://ec.europa.eu/transparency/documents-request/home>

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea huma appoġġati mis-Servizz tal-Arkivji Storiċi (HAS), li huwa involut speċjalment f'każijiet fejn l-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti jirrigwardaw l-arkivji ta' Kummissarji preċedenti u tal-Kabinetti tagħhom, jew dokumenti aktar antiki li jkunu ġew trasferiti lejn l-arkivji storiċi skont ir-regoli tal-ġestjoni tad-dokumenti. Fl-2025, l-HAS ipprova assistenza f'427 każ, l-aktar lis-Segretarjat Ġenerali (105) u lid-Direttorati Ġenerali: għall-Azzjoni Klimatika (40); għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (34); għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (25); għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (24); għall-Ambjent (24); u għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (22).

2. IT-TQEGĦID GĦAD-DISPOŻIZZJONI TA' INFORMAZZJONI U DOKUMENTI FIR-REĠISTRI U ONLINE

Il-Kummissjoni Ewropea tippubblika b'mod proattiv firxa wiesgħa ta' dokumenti legali, ta' politika, amministrattivi u dokumenti oħra fuq diversi siti web u registri⁷. Hawn minn dawn id-dokumenti huma disponibbli fir-Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni (RegDoc), fir-Reġistru tal-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni u f'reġistri korporattivi oħra ġestiti mis-Segretarjat Ġenerali. Oħrajn huma disponibbli fuq siti web ġestiti mid-Direttorati Ġenerali jew fuq il-EUR-Lex⁸. Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tal-Anness għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni⁹, adottati fl-4 ta' Diċembru 2024, ikompli jsaħħaħ it-trasparenza proattiva billi jlenka kategoriji ta' dokumenti li għandhom ikunu direttament aċċessibbli għall-pubbliku.

Fl-2025, żdiedu 11 274 dokument ġdid mar-RegDoc (ara t-Tabella 1 fl-Anness), fil-kategoriji li ġejjin: C – Atti awtonomi tal-Kummissjoni, inklużi atti delegati u ta' implimentazzjoni, tipi oħra ta' deċiżjonijiet eċċ.; COM – Proposti, rakkomandazzjonijiet, komunikazzjonijiet, rapporti tal-Kummissjoni, eċċ.; JOIN – Atti Konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli; OJ – Aġendi tal-laqgħat tal-Kummissjoni; P – Deċiżjonijiet tal-President tal-Kummissjoni; PV – Minuti tal-laqgħat tal-Kummissjoni; SEC – Dokumenti tal-Kummissjoni li ma jistgħux jiġu kklassifikati f'xi waħda mis-serji l-oħra; SWD – Dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni.

Fl-2025, l-għadd ta' viżwalizzazzjonijiet tal-paġni laħaq is-16 159 għas-sit web dwar l-Aċċess għad-Dokumenti fuq *Europa*¹⁰ u s-70 950 għal RegDoc¹¹.

⁷ https://commission.europa.eu/about/service-standards-and-principles/transparency/how-access-commission-documents_mt

⁸ <https://eur-lex.europa.eu/>

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3080 tal-4 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni u li temenda d-Deċiżjoni C(2000) 3614 (ĠU L, 2024/3080, 5.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3080/oj>).


¹⁰ https://commission.europa.eu/about/service-standards-and-principles/transparency/how-access-commission-documents_mt

¹¹ <https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/>

3. ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI

3.1. L-għadd ta' applikazzjonijiet¹² (Anness – Tabelli 3 u 4)


Kif intqal hawn fuq, fl-2025 tressqu 6 434 applikazzjoni inizjali għal aċċess għad-dokumenti. Il-Kummissjoni pprovdiet 4 471 tweġiba skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u 6 408 tweġibiet b'kollox. Talba waħda tista' tikkonċerna diversi dokumenti miżmuma minn dipartimenti differenti tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, tista' twassal għal diversi tweġibiet differenti. Min-naħa l-oħra, xi drabi diversi talbiet jistgħu jinġabru flimkien, u dan iwassal għal tweġiba waħda. L-għadd ta' tweġibiet oħra jirreferi għat-tweġibiet mogħtija skont oqfsa legali differenti (minħabba l-kontenut tal-applikazzjoni jew l-istatus tal-applikant, eċċ.) jew għal għeluq ta' każijiet wara li applikant ikun naqas milli jipprovdri l-kjarifika mitluba minnu jew milli jissodisfa r-rekwiżiti proċedurali.



Fl-2025 kien hemm 697 applikazzjoni konfermatorja. Il-Kummissjoni pprovdiet 384 tweġiba skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u 681 tweġiba b'kollox.

¹² L-istatistika dwar il-profil soċjali u okkupazzjonali tal-applikanti u dwar l-oriġini ġeografika tagħhom hija pprovduta fit-Tabelli 6 u 7 fl-Anness.

APPLIKAZZJONIJIET KONFERMATORJI




3.2. Applikazzjonijiet riċevuti mid-Direttorat Ġenerali jew mis-Servizz (Anness – Tabella 5)¹³

Fl-2025, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs irċieva l-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet inizjali (14,3 %). Dan kien segwit mis-Segretarjat Ġenerali (12,5 %) u d-Direttorati Ġenerali: għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (6,1 %); għall-Ambjent (5,7 %); għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (5,6 %). Kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra kien jirrappreżenta anqas minn 5 % tal-applikazzjonijiet inizjali kollha.


¹³ It-Task Force għar-Riformi u għall-Investiment (SG REFORM) inħolqot fi Frar 2025 permezz tal-amalgamazzjoni tat-Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza (SG RECOVER) u d-Direttorat Ġenerali għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali (DG REFORM). Id-data għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi tinkludi applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti relatati mal-attivitajiet amministrattivi tiegħu, irreġistrati fl-istess sistema tal-IT (EASE) użata mid-dipartimenti l-oħra tal-Kummissjoni Ewropea. Dan ir-rapport ma jkoprix applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw l-attivitajiet investigattivi tal-OLAF. Id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant (DG ENEST) beda jopera fi Frar 2025 wara li d-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DG NEAR) inqasam f'DG ENEST u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf (DG MENA). Mill-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), huma biss id-dokumenti tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) li jinżammu mill-Kummissjoni Ewropea. L-istatistika dwar l-FPI tinkludi xi applikazzjonijiet inizjali riċevuti mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF). L-EPF hija strument barra l-baġit li ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà globali. Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2011, il-Kummissjoni Ewropea qablet li taġixxi bħala amministratur, uffiċjal tal-kontabbiltà u awditur intern għall-miżuri ta' assistenza tal-EPF. Fl-2025, ġew ippreżentati lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kapaċità tagħha ta' amministratur għall-miżuri ta' assistenza, seba' applikazzjonijiet inizjali ta' dan it-tip u l-ebda applikazzjoni konfermatorja.

APPLIKAZZJONIJIET INIZJALI 2025



Fl-2025, l-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet konfermatorji tressaq f'każijiet ittrattati fl-istadju inizjali mid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (12,9 %). Dan kien segwit mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (9,3 %), is-Segretarjat Ġenerali (8 %) u d-Direttorati Ġenerali: għall-Ambjent (7,3 %); għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (6,3 %); u għall-Migrazzjoni u Affarijiet Interni (5,6 %). Kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra kien jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-applikazzjonijiet konfermatorji kollha.

APPLIKAZZJONIJIET KONFERMATORJI 2025




4. EĊĊEZZJONIJIET GĦAD-DRITT TA' AĊĊESS¹⁴


Id-dritt ta' aċċess previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huwa soġġett għal diversi eċċezzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għall-aċċess għal dokument, sħiħ jew parzjali, trid tkun iġġustifikata abbażi ta' mill-anqas waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet.

4.1. Livell ta' aċċess mogħti għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabelli 8 u 9)

STADJU INIZJALI 2025




STADJU KONFERMATORJU 2025




¹⁴ Applikazzjonijiet individwali jistgħu jikkonċernaw diversi dokumenti jew fajls sħaħ dwar suġġett jew proċedura speċifika. Il-mod kif hija mfassla l-EASE jfisser li ċ-ċifri fil-Kapitolu 4 ta' dan ir-rapport jirriflettu d-dokumenti mitluba f'każijiet ittrattati fl-EASE u magħluqa fl-2025.

4.2. Eċċezzjonijiet applikati għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabella 10)

STADJU INIZJALI 2025



STADJU KONFERMATORJU 2025



5. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Fl-2025, l-Ombudsman Ewropew feŋġet 100 inkjesta ġdida f'każijiet li jinvolvu lill-Kummissjoni Ewropea fejn l-aċċess għad-dokumenti kien il-parti ewlenija jew sussidjarja tal-

ilment, u għalqet 104 ilmenti¹⁵. L-Ombudsman Ewropew ikkonstatat amministrazzjoni ħażina fi tmien każijiet biss, li jirrappreżentaw 7,6 % tal-ilmenti kollha¹⁶. Il-96 każ li jifdal ingħalqu mingħajr kummenti.

6. ĠURISPRUDENZA ĠDIDA DWAR L-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI

6.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2025, il-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza¹⁷ u digriet¹⁸ wieħed dwar appelli li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fejn il-Kummissjoni Ewropea kienet parti għall-proċedimenti.

Hija ċaħdet l-appell f'kawża waħda¹⁹. F'kawża minnhom²⁰, hija ssospendiet l-eżekuzzjoni tal-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-761/21 sal-għoti tas-sentenza li tagħlaq il-proċeduri dwar l-appell fil-Kawża C-632/24 P, wara t-talba tal-Kummissjoni għal miżuri proviżorji.

6.1.1. *Kjarifiki ta' regoli sostantivi*

Fl-2025, il-kjarifiki sostantivi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet²¹.

6.2. Il-Qorti Ġenerali

Fl-2025, il-Qorti tal-Ġustizzja tat sitt sentenzi²² u 12-il digriet²³ dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li fihom il-Kummissjoni Ewropea kienet parti fil-proċedimenti.

¹⁵ L-istatistika tkopri l-każijiet tal-Ombudsman Ewropew li jirrigwardaw id-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

¹⁶ L-Ombudsman qieset li d-dewmien fit-tweġiba lill-applikant kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina fil-każ 1249/2023 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/64317>). L-Ombudsman ikkonkludiet li r-rifjut li jingħata aċċess pubbliku wiesa' kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina fil-każijiet 2421/2023 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/65469>) u 849/2024 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/66373>). L-Ombudsman qieset li r-rifjut tal-Kummissjoni li tittratta t-talbiet tal-ilmentatur għal aċċess pubbliku kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina fil-każ 1634/2023 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/64691>). L-Ombudsman qieset li kien hemm amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni fil-mod kif hija ttrattat it-talbiet għal aċċess pubbliku fil-każijiet 1405/2024 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/66916>), 1498/2024 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/67020>), u 318/2025 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/68195>).

L-Ombudsman qieset li l-użu mill-Kummissjoni ta' preżunzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' divulgazzjoni kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina fil-każ 1746/2024 (<https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/mt/67261>).

¹⁷ Is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2025, Il-Kummissjoni vs Pollinis France, C-726/22 P, EU:C:2025:17.

¹⁸ Id-digriet tal-4 ta' Frar 2025, Il-Kummissjoni vs Courtois et, C-632/24 P-R, EU:C:2025:70.

¹⁹ Is-sentenza f'Il-Kummissjoni vs Pollinis France, C-726/22 P, op.cit.

²⁰ Id-digriet f'Il-Kummissjoni vs Courtois et, C-632/24 P-R.

²¹ Is-sentenza f'Il-Kummissjoni vs Pollinis France, C-726/22 P, op.cit. Il-punti 65, 71-74 u 78-79.

²² Is-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2025, Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni, T-36/23, EU:T:2025:483; tat-22 ta' Jannar 2025, eClear vs Il-Kummissjoni, T-127/23, EU:T:2025:51; tat-3 ta' Settembru 2025, Huhtamaki Holding vs Il-Kummissjoni, T-225/24, EU:T:2025:830; tal-14 ta' Mejju 2025, Smart Kid vs Il-Kummissjoni, T-227/24, EU:T:2025:488; tat-18 ta' Ġunju 2025, Zver vs Il-Kummissjoni, T-235/24, EU:T:2025:607; tal-10 ta' Settembru 2025, Smart Kid vs Il-Kummissjoni, T-337/24, EU:T:2025:848.

²³ Digrieti tal-21 ta' Mejju 2025, APEDA u O'Connor vs Il-Kummissjoni, T-70/25; tat-8 ta' Ottubru 2025, WS vs Il-Kummissjoni, T-90/25, EU:T:2025:955; tas-16 ta' Mejju 2025, Rizza vs Il-Kummissjoni, T-118/25; tal-11 ta' Frar 2025, Reverbel vs Il-Kummissjoni, T-178/24, EU:T:2025:173; tat-18 ta' Settembru 2025, Onescu vs OLAF, T-299/25; tas-16

Ir-rikors għal annullament ġie miċħud f'żewġ kawżi²⁴. Fi tliet kawżi, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u ċaħdet ir-rikors fir-rigward tal-bqija²⁵. F'żewġ kawżi, hija annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea²⁶.

F'ħames kawżi, hija ddikjarat li ma kienx għad hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni²⁷. F'żewġ kawżi, hija ordnat it-tneħħija tal-kawża mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali²⁸. F'kawża minnhom, hija ċaħdet ir-rikors parzjalment minħabba nuqqas manifest ta' ġuriżdiżjoni u parzjalment bħala manifestament inammissibbli²⁹. F'kawża minnhom, hija ċaħdet talba għal miżuri proviżorji³⁰. F'kawża minnhom, hija ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli³¹. F'kawża minnhom, hija ddikjarat li ma kienx għad hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni u ċaħdet ir-rikors fir-rigward tal-bqija³².

6.2.1. Kjarifiki ta' regoli sostantivi

Fl-2025, il-kjarifiki sostantivi mogħtija mill-Qorti Ġenerali kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet relatati mal-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali³³, tal-interessi kummerċjali³⁴ u tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet³⁵.

Il-Qorti Ġenerali ikkjarifikat ulterjorment l-estrazzjoni u l-valutazzjoni ta' dokumenti minn bażijiet tad-data³⁶ kif ukoll il-preżunzjoni ta' veraċità marbuta mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li ma kellhiex dokumenti fil-pussess tagħha³⁷.

ta' Lulju 2025, Onescu vs OLAF, T-299/25 R; tas-7 ta' Jannar 2025, Compass-Datenbank vs Il-Kummissjoni, T-350/24, EU:T:2025:20; tal-14 ta' April 2025, Molitorisová vs Il-Kummissjoni, T-353/24; tal-20 ta' Awwissu 2025, APEDA u O'Connor vs Il-Kummissjoni, T-458/24; tas-27 ta' Jannar 2025, Pech vs Il-Kummissjoni, T-485/24; tas-16 ta' Ġunju 2025, Reclaim u Martínez González vs Il-Kummissjoni, T-546/24; tal-20 ta' Marzu 2025, Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni, T-580/24.

²⁴ Is-sentenza f' Huhtamaki Holding vs Il-Kummissjoni, T-225/24, op.cit.; id-digriet f' Onescu vs OLAF, T-299/25, op.cit.

²⁵ Is-Sentenzi f' eClear vs Il-Kummissjoni, T-127/23, op.cit.; Zver vs Il-Kummissjoni, T-235/24, op.cit.; Smart Kid vs Il-Kummissjoni, T-337/24, op.cit.

²⁶ Is-sentenzi fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni, T-36/23, op.cit.; Smart Kid vs Il-Kummissjoni, T-227/24, op.cit.

²⁷ Id-Digrieti f' WS vs Il-Kummissjoni, T-90/25, op.cit.; Reverbel vs Il-Kummissjoni, T-178/24, op.cit.; Compass-Datenbank vs Il-Kummissjoni, T-350/24, op.cit.; Pech vs Il-Kummissjoni, T-485/24, op.cit.; Reclaim u Martínez González vs Il-Kummissjoni, T-546/24, op.cit.

²⁸ Id-Digrieti f' Rizza vs Il-Kummissjoni, T-118/25, op.cit.; *Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni*, T-580/24, op.cit.

²⁹ Id-digriet f' APEDA u O'Connor vs Il-Kummissjoni, T-70/25, op.cit.

³⁰ Id-digriet f' Onescu vs OLAF, T-299/25 R, op.cit.

³¹ Id-Digriet f' Molitorisová vs Il-Kummissjoni, T-353/24, op.cit.

³² Id-digriet f' APEDA u O'Connor vs Il-Kummissjoni, T-458/24, op.cit.

³³ Is-sentenza fi Smart Kid vs Il-Kummissjoni, T-337/24, op.cit. Il-punti 40-42, 49-54 u 61-67.

³⁴ Is-sentenzi fi Smart Kid vs Il-Kummissjoni, T-227/24, op.cit. Il-punti 38-39, 46, 56-60, 64-66, 72-79 u 80-88; eClear vs Il-Kummissjoni, T-127/23, op.cit. Il-punti 86-92.

³⁵ Is-sentenza fi Zver vs Il-Kummissjoni, T-235/24, op.cit. Il-punti 96-98 u 103-107.

³⁶ Is-sentenza f' eClear vs Il-Kummissjoni, T-127/23, op.cit. Il-punti 46-48, 76-77 u 101-102.

³⁷ Is-sentenza fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni, T-36/23, op.cit. Il-punti 38-41, 45-48, 57-60, 67-68, 72-73, 79 u 81-85.

6.2.2. *Kjarifiki tar-regoli proċedurali*

Il-kwistjoni proċedurali ewlenija li l-Qorti Ġenerali ċċarat fl-2025 kienet tikkonċerna l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-oġġezzjonijiet ta' partijiet terzi għad-divulgazzjoni tad-dokumenti tagħhom³⁸.

6.3. Kawżi ġodda tal-qorti mressqa kontra l-Kummissjoni Ewropea

Fl-2025, tressqu quddiem il-qorti tal-UE 19-il kawża li kienu jinvolvu lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Minn dawn id-19-il kawża, 18 tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali³⁹, filwaqt li tlieta minnhom ġew aġġudikati fl-2025⁴⁰.

B'mod parallel, ġie introdott appell wieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali, f'kawża li fiha l-Kummissjoni Ewropea kienet parti fil-proċedimenti⁴¹.

³⁸ Is-sentenza fi *Smart Kid vs Il-Kummissjoni*, T-337/24, op.cit. Il-punti 33-37.

³⁹ Il-Kawżi *Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni*, T-53/25; *APEDA u O'Connor vs Il-Kummissjoni*, T-70/25, op.cit.; *WS vs Il-Kummissjoni*, T-90/25; *Rizza vs Il-Kummissjoni*, T-118/25, op.cit.; *Nouwen vs Il-Kummissjoni*, T-132/25; *De Capitani et vs Il-Kummissjoni*, T-146/25; *Rizza vs Il-Kummissjoni*, T-205/25; *Galić vs Il-Kummissjoni*, T-276/25; *Onescu vs OLAF*, T-299/25, op.cit.; *Pakistan u Altius vs Il-Kummissjoni*, T-360/25; *Wölken vs Il-Kummissjoni*, T-483/25; *Access Info Europe vs Il-Kummissjoni*, T-507/25; *Mowi Poland vs Il-Kummissjoni*, T-567/25; *De Capitani vs Il-Kummissjoni*, T-621/25; *ClientEarth vs Il-Kummissjoni*, T-641/25; *Wölken vs Il-Kummissjoni*, T-662/25; *ClientEarth vs Il-Kummissjoni*, T-738/25; *Wölken vs Il-Kummissjoni*, T-784/25.

⁴⁰ Il-Kawżi *APEDA u O'Connor vs Il-Kummissjoni*, T-70/25, op.cit.; *Rizza vs Il-Kummissjoni*, T-118/25, op.cit.; *Onescu vs OLAF*, T-299/25, op.cit.

⁴¹ Il-Kawża *Molitorisová vs Il-Kummissjoni*, C-396/25 P.